KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 36

**Il-Ħamis 09 ta' Diċembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' onlajn fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 36.1 Qari tal-Apoloġiji

36.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 35

36.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

36.2.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil unanimu li jkun hemm tibdil f'paragrafu 35.3.8 biex jaqra kif ġej:

*Kif informa waqt l-aħħar laqgħa u anke informalment fis-sajf, is-Sindku sostna li in vista tal-kariga ġdida tiegħu, se jirrinunzja mill-kariga ta' Sindku u dan b'effett mill-aħħar tas-sena. Huwa kien se jirriżenza minn Sindku minn l-aħħar tas-sena. F'isem il-Kunsill kollu, il-Kunsillier Sammut Dimech uriet l-apprezzament ta' kulħadd għax-xogħol kollu li għamel matul is-snin u seħqet li kull wieħed u waħda minnhom jixtiequ li jibqa' bħala kunsillier ladarba ma jistax jibqa' jżomm ir-rwol tiegħu bħala sindku. Il-Kunsill qabel unanimament mal-pożizzjoni tal-Kunsillier Sammut Dimech.*

36.2.3 Il-minuti tas-seduta numru 35 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 36.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

36.3.1 Is-Sindku informa li kien ra d-dawl dekorattiv tal-Milied li sar mill-kuntrattur il-ġdid u għalkemm sempliċi, kien għamel sabiħ ħafna. Kien hemm qbil li għandhom jittieħdu xi ritratti tat-tiżjin.

36.3.2 Minħabba li din kienet l-aħħar laqgħa tiegħu, is-Sindku ħa l-opportunità biex jirringrazzja lil sħabu l-kunsilliera preżenti u passati kif ukoll lill-amministrazzjoni kollha għal-lealtà u koperazzjoni li dejjem sab matul dawn is-snin li għamel bħala Sindku tal-lokalità.

## 36.4 Rapport dwar id-dekasteri mill-Kunsilliera

36.4.1 Is-SE fakkret lill-Kunsilliera sabiex jippreparaw ir-rapport dwar id-dekasteru tagħhom sabiex jiġi preżentat waqt il-laqgħa tal-lokalità.

## 36.5 Bord tal-Evalwazzjoni – Kuntratt tal-Ġbir tal-iskart

36.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet korrispondenza lid-Dipartiment dwar id-deċiżjoni tal-kuntrattur tal-iskart u dawn kienu tawha l-permess biex tmexxi bis-sejħa għall-offerti. Għaldaqstant talbet lill-Kunsill sabiex jagħżel bord ta' ħames persuni biex jevalwaw l-offerta tal-ġbir tal-iskart.

36.5.2 Kien hemm qbil li min-naħa tal-Kunsill il-membri fuq il-bord ikunu l-Viċi Sindku, il-Kunsillier Sammut Dimech u l-Kunsillier Fenech filwaqt li l-membri esterni jkunu s-SE u l-accountant tal-Kunsill.

## 36.6 Data għal-laqgħa tal-lokalità

36.6.1 Is-SE infurmat li kien reġa' wasal iż-żmien biex tiġi ffissata data għal-laqgħa tal-lokalità, li normalment tinżamm f'Diċembru. Hija ssuġġeriet li din issir f'Jannar 2022 sabiex ikollha ċans tagħmel il-preparamenti neċessarji.

36.6.2 Id-data magħżula kienet l-istess tal-laqgha tal-kunsill u kien hemm qbil li minħabba l-prekawzjonijiet neċessarji ħabba l-Covid, din għandha ssir onlajn. Il-ġurnata magħżula hija l-Ħamis 27 ta' Jannar fis-7:00pm.

## 36.7 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

36.7.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li l-laqgħa li jmiss kienet l-għada tal-Laqgħa tal-Kunsill. Hija infurmat li waqt il-Konferenza Reġjonali kienu ddiskutew dwar il-Festival tal-Korijiet li se jsir f'Diċembru.

36.7.2 Daniel qal li bħala Kunsill jirringrazzja lill-President uxxenti tal-koperazzjoni tiegħu matul is-snin u talli dejjem imbutta lill-kunsilli ż-żgħar biex ikunu stmati daqs kunsilli kbar. F'ismu u f'isem il-Kunsill xtaqu jirringrazzjawh. Fuq suġġeriment tiegħu kien hemm qbil ukoll li ngħaddulu *token* bħala apprezzament.

## 36.8 Punti oħra

36.8.1 Is-SE infurmat li kellha talba mingħand Dr Adrian Delia biex ikun preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

36.8.2 Is-SE infurmat li s-CEO ma kienx attenda għall-ikla tal-Ethno Vibes kif kien mistenni u għaldaqstant kienet se tieħu ħsieb tibgħatlu kommunikazzjoni bil-miktub fir-rigward tal-ftuħ tal-VC u t-torri tal-arloġġ.

36.8.3 Sadanittant infurmat li kienet ġiet mgħarrfa verbalment min-naħa tad-DLG li kienu approvaw madwar €40,000 oħra bħala ko-finanzjament għal dan il-proġett u għaldaqstant issa l-Kunsill fadallu madwar €62,000 biex ikun għaqqad l-ammont kollu biex jispiċċa dan il-proġett. Għaldaqstant saħqet mal-Kunsilliera biex jinstab mezz kif il-Kunsill jakkwista fondi ulterjuri biex il-proġett jitlesta sal-aħħar ta' Ġunju kif pjanat mingħajr ma jidħol f'dejn.

36.8.4 Minħabba li kien hemm ammont konsiderevoli ta' fondi kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel talba lill-Managing Authority biex il-kuntratt jiġi estiż sal-aħħar ta' Diċembru 2022. Dan sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex il-Kunsill ikun jista' jsib biżżejjed fondi minn xi skema jew entità biex il-proġett jitlesta.

## 36.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

36.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 12/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 36.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

36.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6:10pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Jannar fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 27 ta' Jannar 2022.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv